# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Lulju 2012 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Awwissu 2012 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2012 fis-6.00pm
   Il-Ħadd 16 ta' Settembru 2012 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2012 fil-5.00p.m.

2 Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: **www.ourladyofconsecration.org**.

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Ġuża Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 91 LULJU 2012 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Adorazzjoni Ewkaristika tat-3 ta' Ġunju 2012***

## GĦADDEW SITTA U GĦOXRIN SENA

Lanqas naf kif għaddew dawn is-sitta u għoxrin sena. Bħalissa qed inġib quddiem għajnejja l-istatwa għadha d-dar ta' Ġuża, imbagħad fil-5 ta' Mejju 1986 filgħaxija titgħabba fuq karozza fejn titwassal sa' ħdejn it-Troll. Minn hemm il quddiem tintrefa' fuq l-ispallejn minn uħud mill-ħafna devoti li kienu preżenti. Il-Mulej biss jaf il-ġid spiritwali li sar minn dakinhar sallum!

Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2012 fakkarna dan l-anniversarju. Għal darba oħra erġajna tlajna din it-triq dejqa u mserpa nirreċitaw ir-rużarju u nitolbu mhux biss għalina preżenti imma għal dawk kollha li matul iż-żmien talbuna biex

nitolbu għalihom u għall-proxxmu kollu.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, nqrat it-talba tal-Konsagrazzjoni, saret il-viżita' lill-Madonna u ċ-ċerimonja tal-qanpiena li biha nagħmlu riparazzjoni għad-dagħa. Imbagħad għal ftit minuti reġa' dewa ma' l-inħawi leħen il-maħbuba Ġuża tagħna.

Aktar tard Fr. Eusebio Debono, Tereżjan, wassal dan il-messaġġ:

"Il-mibki Papa Pawlu VI lilna l-insara ħallielna dokument prezzjuz dwar il-Madonna, il-famuż dokument *Marialis Cultus*, id-devozzjoni Marjana, u f'dan id-dokument il-Papa jinsisti li l-isbaħ devozzjoni lejn din l-omm tagħna Marija Santissima, illi Ġesù Kristu ħallihielna proprju meta kien qed ibati, hija fl-imitazzjoni tal-virtujiet tagħha.

Il-Madonna kellha virtujiet kbar: tas-safa, tas-silenzju, ta' l-imħabba lejn il-proxxmu u aktar u aktar l-imħabba lejn Alla. U jiena xtaqt impoġġielkom quddiem għajnejkom ftit passi mis-Sagra Skrittura fejn il-Madonna uriet imħabba u ubbidjenza lejn Alla. Ubbidjenza biex ngħid hekk għamja. Alla kien għażilha biex tkun omm Ibnu għax kienet l-aktar persuna adattata għal dan ix-xogħol, għal din il-missjoni.

Bħal kull tfajla Lhudija kull nhar ta' Sibt kienet tmur tisma' l-kelma ta' Alla u għalhekk kienet taf li Ġesù kellu jitwieled minn tfajla Lhudija. Meta deherilha l-anġlu ma ħadithiex bi kbira, li ħaditha bi kbira għax ma kinitx miżżewġa u għalhekk lill-anġlu qaltlu, "kif ikun dan la ma narafx raġel?" L-anġlu mill-ewwel serħilha rasha u qalilha, "Tibżax Marija, dak illi ser isir fik huwa opra ta' l-Ispirtu s-Santu." Ma staqsitux iżjed lill-anġlu ħaġa jew oħra, imma meta serħilha rasha li din hija opra ta' l-Ispirtu s-Santu, baxxiet rasha u qalet dawk il-famużi kliem, "Hawn hi l-qaddejja ta' Alla, ikun minni skond kelmtek."

U fil-ħajja kollha tagħha ir-rieda tagħha kienet f'sintonija mar-rieda t'Alla. Meta għarfilha l-anġlu illi l-kuġina tagħha li ma kienx jista' ikollha tfal, u issa kien is-sitt xahar tat-tqala tagħha, ħasset illi l-imħabba lejn il-kuġina tagħha tirbaħ it-tbatija tagħha. Għalhekk telqet fuq xi dahar ta' ħmar biex tmur tgħin lil kuġina tagħha. Ħasset li dik hija ir-rieda t'Alla fil-ħajja tagħha. Insemmu wkoll meta twieled Ġesù Kristu, iċ-ċensiment li kien hemm, kellha titla Betlem, u fejn welditu lil Ġesù? Ġo għar qalb l-annimali. Dik kienet ir-rieda t'Alla u aċċettatha u aċċettatha b'imħabba. Anka meta twieled Ġesù, ġihom l-ordni mill-anġlu biex imorru l-Eġittu. Kien hemm mixja twila ħafna, minn Betlem sa' l-Eġittu, imma l-Madonna obdiet flimkien ma' Ġuzeppi u telqet lejn l-Eġittu biex Erodi ma jkollux is-sodisfazzjon li jeqred lil Bambin Ġesù. Ġietha l-ordni l-oħra biex imbagħad



mill-Eġittu terġa tmur proprju lejn Nazaret.

Hemm ħafna mumenti oħra ħuti illi l-Madonna wetqet din ir-rieda t'Alla fil-ħajja tagħha, ma kienux mumenti sbieħ specjalment meta ntilfilha t-tifel, specjalment meta ġie biex imut żewġha San Ġużepp, speċjalment meta kienet taħt il-Kalvarju tara lil binha insultat u qed imut, hemmhekk aċċettat kompletament ir-rieda t'Alla.

U jiena naħseb ħuti llejla tajjeb li nitilqu b'riflessjoni żghira: jiena kif jiena fir-rieda t'Alla? Noqghod għar-rieda t'Alla? Aħna kuljum ngħidu fir-rużarju, "ikun li trid int." Imma veru meta tidher it-tbatija ikun li jrid Alla, jew li rrid jien? Meta tidher xi marda, meta tidher xi tbatija fil-familja, meta tidher forsi xi persekuzzjoni, xi nghidu? Il-Mulej qiegħed magħna. Ġuża fid-diskors li smajna issa urietna l-fiduċja kbira, għamja li għandha f'Alla l-Missier u naturalment anka fil-Madonna li kemm-il darba kelmitha u tatha l-messaġġi tas-sema. Jalla l-lejla aħna wkoll, ħuti, devoti ta' din il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, inħallu r-rieda t'Alla tmexxi l-ħajja tagħna. Il-bniedem meta jmexxi lilu nnifsu ma' jkunx kuntent, ħafna drabi jiżbalja, imma min iħalli lil Alla jmexxih, jista' jibqa' ċert li dak li Alla jipprovdilu fil-ħajja hu l-aħjar għal ħajja tiegħu. Ħafna drabi aħna nsaqsu, imma għaliex lili? Imma għaliex nitlob kemm nitlob qisu lili Alla ma jismagħniex? Ma hu veru xejn, Alla jisimgħek, imma kultant Alla jħares jagħtik dak li titolbu għax kieku tgħidlu, "ieqaf tagħtinix iżjed." Inħallu lil Alla jmexxina ħuti, bħalma Ġuża fil-ħajja tagħha ħalliet lill-Madonna tmexxiha u lil Ġesù Kristu u lil San Ġużepp.

Dan huwa l-messaġġ ħuti li l-Knisja trid tagħtina f'ġurnata bħal din, iddedikata lill-Madonna, illi nħallu bħalma ħalliet il-Madonna lil Alla l-Missier imexxiha hu, u waslet fejn waslet. Hekk aħna wkoll fil-ħajja tagħna, ma nissuppervjawx, ma nxammrux imneħħirna, imma nħallu lil Alla imexxina huwa fit-triq li jrid Hu, għal fejn irid Hu. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

Wara dan il-messaġġ intqalu t-talba ta' San Ġużepp u San Mikiel u it-talba ta' Ġesù jbati. Wara l-barka minn Patri Debono il-laqgha spiċċat bl-innu "Fil-Ħlewwa ta' Mejju".

Kienet laqgħa sabiħa li żgur ħalliet ħafna frott spiritwali, laqgħa denja għal Ommna Marija Santissima.

## IT-3 TA' ĠUNJU 2012

Laqgħa oħra mportanti kienet l-Adorazzjoni Ewkaristika li saret fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. F'din il-laqgħa li wkoll kienet immexxija minn Fr. Eusebio

Debono, huwa wassal dan il-messaġġ:

"Nagħtu ġieħ u glorja lil Ġesù Kristu illi jrid jibqa' fostna permezz ta' l-Ewkaristija. Fl-Evanġelju ta' San Luqa nsibu fatt sabiħ ħafna fejn id-dixxipli ta' Ġesù, meta stennew li Ġesù jqum mill-mewt u ma qamx, id-deċidew li jitilqu lejn pajjiżhom Emmaws. Kellhom distanza ta' seba' mili. Fit-triq bdew igergru, qalbhom kienet imħabbta, maqtugħa, ħafna dubbji: għaliex ma qamx? Ma qalilniex li se jqum? Ma qalilniex li fit-tielet jum ser iqum, għaliex ma qamx?

U hemm meta jgħidilna l-vanġelu li Ġesù daħal f'nofshom u staqsihom, "X'ġara?" Inħasdu, "Int l-uniku wieħed f'Ġerusalem li ma tafx x'ġara?" U qalulu l-istorja kollha, u Ġesù b'paċenzja kbira qabad jispjegalhom il-missjoni ta' Ġesù, beda minn Mose u l-profeti. U waqt li kien qed jispjegalhom l-antik testment kollu waslu ġewwa Emmaws. Ġesù għamel ta' bir-ruħu li kien sejjer post ieħor. U dawn id-dixxipli wara dik il-mixja kollha, ġithom ħasra minn dan il-bniedem li ma kienux jafu li hu Ġesù u qalulu, "Ibqa' magħna, ejja ħu biċċa ħobż magħna," u Ġesù daħal magħhom fid-dar. Jgħidilna l-evanġelista li kif qabad il-ħobż u qasmu, għajnejhom u moħħhom infetħulhom u indunaw li dak li kien magħhom kien Ġesù Kristu...

Imma ejja niġu għalina. Dawn lil Ġesù qalulu, "Ibqa' magħna." Ibqa' magħna għaliex? Il għaliex fit-triq tant beda jitkellem ċar bil-kelma t'Alla, tant urihom kemm il-proġett ta' Alla kien perfett, ħadu pjaċir, tant li huma qalu, "ma kinitx qalbna mħeġġa waqt li kien qed ifissrilna l-iskrittura?"

Nistaqsikom ħuti, aħna u dawn it-tnejn ta' Emmaws l-istess? Kemm-il darba fil-ħajja tagħna, minħabba raġuni jew oħra idubbitajna mill-imħabba t'Alla? Kemm il-darba forsi anka gergirna għas-sitwazzjonijiet li nkunu fihom, forsi ta' mard, forsi ta' problemi, forsi ta' nkwiet u naħsbu li Alla ma jaf xejn? U dawn iż-żewġ dixxipli kif bdew igergru bejniethom u kienu mdejqin dahal Ġesù Kristu f'nofshom u l-ħajja tagħhom inbidlet minn lejl għal nhar.

J'alla ħuti llejla f'din l-okkażżjoni li qed jippreżentalna l-Mulej, li ġie fostna hawnhekk bid-divinita Tiegħu kollha, il-barka Tiegħu tinżel fil-ħajja tagħna u tgħinna fid-dubbji tagħna. Forsi niddubitaw li Alla ma għadux magħna, li Alla ma jafx x'qed jiġrilna, ma nagħmlux ħuti bħal xi wħud li jaħsbu li Alla tagħna qiegħed hemm fuq u ma jagħtix kasna. Xejn minn dan. Alla tagħna huwa magħna, huwa magħna erbgħa u għoxrin siegħa. Kieku Alla jieqaf milli jżomm idejh fuqna kieku aħna mmutu, aħna ngħixu għax għandna l-Ewkaristija. Filfatt fl-evanġelju ta' San Ġwann insibu, "min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem."



X'inhi l-ħajja ta' dejjem ħuti? San Ġwann jispjegha aktar il-quddiem f'dan l-evanġelju, li l-ħajja ta' dejjem hija li tgawdi lil Alla. Aħna għalhekk ġejna maħluqin, aħna ma aħniex eterni hawnhekk, aħna kif jgħid San Pawl, aħna pellegrini u l-pelegrinaġġ tagħna irid iwassalna biex nikkonvertu ħalli nagħrfu verament din l-imħabba ta' Alla l-Missier, ħalli nagħrfu verament din l-opra tas-salvazzjoni li wettaq Ġesù Kristu u ħalli nagħrfu l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li jgħaqqadna flimkien. Aħna ma għandniex Alla li qiegħed waħdu hemm fuq, aħna għandna Alla li huwa familja: hemm il-Missier, hemm l-Iben u hemm l-Ispirtu s-Santu.

Alla għaliex jinteressah minna? Għax kif naqraw fil-Ġenesi huwa qal, "ejjew noħolqu l-bniedem xbiha tagħna." Ara kemm aħna prezzjużi. Alla ħalaqna xbieha tiegħu. Nistgħu inkunu aħjar? Għalhekk aħna ulied adottivi ta' Alla, ħadd ma jista' jagħmlilna xejn la darba jkollna lil Ġesù Kristu magħna.

Smajna anka d-diskors ta' Ġuża dwar l-Ewkaristija, kemm kienet qawwija mhux biss id-devozzjoni li kellha lejn l-Ewkaristija imma anka li tirċevih fis-sider tagħha. Dan għaliex l-Ewkaristija ħuti, kuntrarju ta' l-ikel materjali li nieklu, meta nirċevuha tbiddilna hi u mhux inbiddluha aħna. L-ikel naturali inbiddluh aħna fid-demm tagħna, l-Ewkaristija le. Fl-Ewkaristija Ġesù Kristu jbiddilna fih. Fejn ser insibu mħabba akbar minn din.

Għalhekk illejla dan nitolbuh lill-Mulej, bħalma talbuh id-dixxipli ta' Emmaws, "Ibqa' magħna Mulej." Hu stess qalilna, "mingħajri ma tagħmlu xejn." U veru ma nagħmlu xejn, għax aħna għandna tliet għedewwa kbar: hemm id-dinja, hemm il-ġisem tagħna u hemm ix-xitan. Dawn it-tlieta kontinwament qegħdin jattakkawna biex ibegħduna minn Alla:, il-ġisem bil-mod tiegħu, id-dinja bil-mixja tagħha u x-xitan jaf kif għandu jattakkana fil-mard tagħna, fis-salib tagħna. Huwa jgħidilna, "Alla għax tak din il-marda? Għax tak dan l-uġigħ? Għaliex?" Hekku, jdaħħallek din iż-żerriegħa ta' dubju u inti temmnu.

Ejjew ħuti li ma nħallux lil dawn it-tliet għedewwa ikissrulna l-fidi tagħna f'Ġesù Kristu. Mhux ta' b'xejn li l-Papa preżenti f'Ottubru li ġej se jniedi s-sena tal-fidi għax in-nisrani jekk tneħħilu l-fidi ma jibqalu xejn. U jiena ngħid li n-nisrani li ma jirċevix lil Ġesù Kristu almenu, almenu darba f'ġimgħa jkun qed jirriskja l-ħajja tiegħu nisranija. Il-bruda ġġiblek dik il-ħaġa li inti titbiegħed u tibqa' tiddubita, "imma veru Alla jgħinni? Imma veru Alla qiegħed miegħi? Imma Alla veru jħobbni?" Kuraġġ ħuti."

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Fil-laqgħa tas-16 ta' Settembru 2012, fil-Girgenti ser issir l-Assemblea Ġenerali biex taħtar Kumitat ġdid għas-snin 2012 - 2015.
Għaldaqstant, dawk li jħossu li jistgħu b'dedikazzjoni jaħdmu bħala membri tal-Kumitat, għall-ġid tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom bħala kandidati. Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw lis-Segretarja jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat sabiex jimlew il-formoli neċessarji li ssussegwentament jiġu approvati mill-Kumitat skond l-Istatut. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kumitat mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2012.

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Fl-okażżjoni tas-sittax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa ghar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2012 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.

## APPELL GĦALL-INFORMAZZJONI

Matul is-snin mhux l-ewwel darba li ltqajt ma' persuni li rrakkontawli grazzji jew esperjenzi li kellhom mal-maħbuba fundatriċi tagħna Ġuża Mifsud. Jiena dejjem ħeġġiġthom sabiex dak li kienu qed jgħiduli bil-fomm iniżżluh bil-kitba u jiffirmawh. Dan iżda mhux dejjem sar.

Nerġa' nappella lil dawk li għandhom xi esperjenza x'jirrakkuntaw sabiex ma jibqgħux lura. Huwa mportanti li niġbru kemm nistgħu materjal sabiex nagħarfu l-kwalitajiet sbieħ li l-Mulej żejjen lil Ġuża bihom.

Min ma jafx jikteb jew għandu xi diffikulta oħra, huwa mħeġġeġ jagħmel kuntatt miegħi jew ma' xi membru ieħor tal-kumitat. Wieħed jista' jikkuntattjani permezz ta' l-email: **sylvana.spiteri@europe.com** jew jibgħat nota fl-indirizz: 6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, s-Siġġiewi. Jiena mbagħad nagħmel kuntatt ma' dawn il-persuni u nagħtihom l-għajnuna li jkollhom bżonn.

**Jista' jkun hemm oħrajn li għandhom tapes bid-diskorsi ta' Ġuża li aħna ma għandniex bħalhom. Qed ngħid għat-tapes tal-laqgħa ta' talb fil-Girgenti tat-8 ta' Frar 1987 u tapes b'messaġġi li kienet tirrekkordja d-dar tagħha. Napprezza jekk hawn min għandu dawn it-tapes jgħidilna sabiex aħna nivverifikaw għandniex diġa bħalhom u jekk le nagħmlu kopja tagħhom.**

Sylvana Spiteri LL.D



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. minn Birkirkara** kiteb dan ir-rapport: "Snin ilu fin-negozju tiegħi kont sibt ruħi f'sitwazzjoni diffiċli sabiex nieħu deċiżjoni kruċjali li setgħet taffettwa ħafna l-futur kemm tiegħi u tal-familja tiegħi kif ukoll ta' l-impjegati li kelli. Tkellimt ma' ħija l-Patri li wegħedni li kien ser jitlob lis-sorijiet tal-klawsura sabiex jitolbu għalija. Fuq inizzjattiva tiegħu, mar għand Ġuża Mifsud tal-Girgenti li kellu konoxxenza tagħha u kellimha fuq din il-biżgħa li kelli biex nieħu deċiżjoni neċessarja.

Għaddew xi ġranet u ħija l-Patri ċempilli. Qalli li Ġuża qaltlu li kienet talbet għalija u qaltlu biex jgħidli biex ma nibżax nieħu d-deċiżjoni li kelli nieħu għaliex kollox kien sejjer imur sewwa għaliex il-Madonna kienet miegħi.

Issa li għaddew is-snin u kollox mexa ħafna tajjeb, nifhem illi bil-għajnuna ta' Ġuża Mifsud, li jidher li kienet imnebbħa mill-Verġni Ommna Marija, il-parir li tatni għeni biex inwarrab kull biżgħa u nimxi fuq il-parir tagħha."

**F. A. minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Tgħid li t-tifel tat-tifel tagħha kien muġugħ ħafna. Poġġiet is-santa fuq ir-ritratt tiegħu u meta ċemplitlu qalilha, "Nanna, jaqaw tlabt għalija għax f'daqqa waħda l-uġigħ marli kollu!"

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.